MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 26/1998/1

**Joseph u martu Grace Calleja**

**Vs**

1. **Unscheduled Bus Service**
2. **Joseph Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu, jew minn minnhom, lill-atturi l-ammont ta' elf lira Maltin (Lm1,000) rapprezentanti s-somma dovuta mill-konvenut Unscheduled Bus Service lill-atturi bhala proprjetarji tax-xarabanks, skond l-iskrittura privata li saret bejn l-atturi u l-konvenut Joseph Spiteri fit-3 ta' April 1995 (vide Dok A), liema somma giet minflok imhallsa lill-konvenut Joseph Spiteri.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficajli tad-29 ta’ Lulju, 1997 u bl-imghaxijiet mid-data tal-imsemmija ittra sad-data tal-eventwali hlas – ilkoll kontra l-konvenuti, jew min minnhom, li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Kif ukoll l-<u>iskrittura</u> msemmija fl-istess avviz u li tinsab a fol 2 u fol 30 tal-atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut Joseph Spiteri (fol 4 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

Illi t-talba hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante li l-ammont mitlub bl-avviz jispetta lill-eccipjenti u mhux lill-atturi kif minnhom pretiz.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-‘Unscheduled Bus Service’ rappresentata mill-Avukat Dr George Hyzler u Carmelo Vassallo, Chairman u segretarju rispettivament (fol 10 tal-atti) u li biha esponiet bir-rispett:-

Illi l-flus tqassmu lill-membri mill-‘fond akkumulat’ ma jidhirx li huma ntitolati ghalihom l-atturi izda Joseph Spiteri bhala l-membru sid tal-coach fiz-zmien li sar it-tqassim.

Illi f’kwalunkwe kaz ma’ trasferiment ta’ coach, l-Unscheduled Bus Service tidhol f’relazzjoni gdida mas-sid il-gdid, u naturalment, jibqghu impregudikati l-arrangamenti li jsiru fit-trasferiment tal-coach li ghall-Unscheduled Bus Service u res inter alios acta.

Ghalhekk it-talbiet attrici in kwantu diretti lejn l-Unscheduled Bus Service huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi kif risultanti mill-verbali a fol 38 u a fol 57 sa fol 66 tal-atti l-partijiet f'din il-kawza kienu qablu u accettaw illi jistennew l-esitu ta' kawza ohra li kienet titratta l-istess meritu u aventi l-istess konvenuti, bhal fil-kas in desamina liema kawza kienet fl-ismijiet "Andrew u martu Rose Pace vs 1. Unscheduled Bus Service 2. Joseph Spiteri u b'digriet ….. Simon Tortell (Avviz numru 25/98 MM) decisa finalment mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembu 2003 (ara fol 69 sa fol 78 tal-atti).

Illi dan il-kaz kif ukoll dak gja deciz u li ghadu kemm issemma' huma impernjati dwar l-interpretazzjoni u sinifikat li ghandha tinghata lill-klawsola numru 4 fl-iskrittura iffirmata bejn l-atturi u l-konvenut Joseph Spiteri u li biha l-istess Joseph Spiteri kien akkwista b'titolu ta' bejgh minghand l-atturi l-'coach' numru Y0899. Fl-imsemmija klawsola jinghad 'Kemm il-darba l-Unscheduled Bus Service" iqassam xi flus lill-membri tieghu ghal xoghol ta' trasport 'unscheduled' esegwit sal-31 ta' Dicembru 1994 is-sehem spettanti lil(l)-'coach' in vendita ghandu jigi percepit mill-vendituri 'ossija mill-atturi odjerni. Minn esami tal-imsemmija sentenza pronunzjata mill-Qorti tal-Appell jidher car u evidenti illi a basi tal-kriterji ta' interpretazzjoni li ghandhom jigu applikati mill-Qorti, din il-klawsola kienet intiza sabiex tkun tista' tigi akkolta t-talba in esami f'kaz li, anke f'dan l-kaz, l-'Unscheduled Bus Service' jkun hallas xi somma flus mill-fond akkumulat lill-konvenut, Joseph Spiteri, matul Awissu 1997, liema hlas kien jirreferi ghall-perijodu specifikat fl-istess klawsola.

Illi kemm mill-affidavit ta' Andrew Pace gja msemmi fl-okkju tas-sentenza citata (fol 16 et seq ibid) kemm tal-attur odjern (fol 25 et seq ibid) jidher li tali flus ghall-perijodu qabel il-31 ta' Dicembru 1994 kienu effettivament thallsu u tqassmu mill-"Unscheduled Bus Service" izda kienu nghataw lill-konvenut bhala sid attwali tal-istess 'coach' (ara ukoll il-kopja tax-xhieda ta' Raymond Bartolo esebita in atti a fol 40 et seq ibid).

Illi, ghalhekk, a basi tal-premess, it-talba in esami, ghandha tigi akkolta fil-konfront ta' Joseph Spiteri.

Ikkunsidrat

Illi in rigward l-'Unscheduled Bus Service' "qua" konvenut, il-Qorti taqbel ma dak sottomess fin-nota tal-eccezzjonijiet sottomessa fis-sens illi l-ftehim ossija skrittura msemmija kienet tirrinvoka biss lill-atturi u Joseph Spiteri trattasi ta' 'res inter alios acta'.

Ikkunsidrat

Illi maghmulin dawn il-konsiderazzjonijiet ser tigi milqugha t-talba attrici fil-konfront biss, ta' Joseph Spiteri.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tillibera lill-"Unscheduled Bus Service" mill-osservanza tal-gudizzju tilqa t-talba attrici kif dedotta mill-avviz in esami fil-konfront tal-konvenut Joseph Spiteri u tikkundanna lill-istess Joseph Spiteri sabiex jhallas lill-atturi s-somma ta' Lm1000 bl-imghaxijiet legali mid-29 ta' Lulju 1997 sa-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Lulju 1997.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------